MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 824/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Emanuel Calleja (K.I. 557862M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' erba' mija sebgha u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€437.40) in konnessjoni ma' diversi servizzi (AC40139307) u dan skont diversi dokumenti annessi ma' l-Avviz tat-Talba u mmarkati minn 'DOk A' sa 'DOK D'; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 23 t' April, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' erba' mija sebgha u tletin ewro u tmeinja u erbghin centezmu (€437.40) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------